25 ta' Marzu, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Emmanuele Vella** *versus* **Giovanna Vella**

## Separazzjoni Personali — Rikonċiljazzjoni — Koabitazzjoni — Art. 77 tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-koabitazzjoni tal-miżżewġin li kienu ġew mifrudin personalment ma tfissirx dejjem rikonċiljazzjoni fis-sens tal-liġi.*

*Biex ikun hemm ir-rikonċiljazzjoni hemm bżonn li l-miżżewġin li jkunu mifrudin ikunu marru flimkien minn rajhom.*

*Lanqas hija vera rikonċiljazzjoni r-rijunjoni momentanea tal-miżżewġin, seguita b'diverbji u ġlied bejniethom u b'separazzjoni ġdida; u dan avvolja f'dak iż-żmien il-miżżewġin kellhom relazzjonijiet u kienu għexu flimkien bħala raġel u mara. Għax biex ir-rikonċiljazzjoni ġġib l-estinzjoni ta' l-azzjoni tas-separazzjoni personali hemm bżonn li tkun sinċiera.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi l-attur u l-konvenuta, b'kuntratt ta' l-ewwel ta' Marzu 1937, fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier, kienu għamlu separazzjoni personali, u l-attur u l-konvenuta marru jgħixu flimkien, talab illi jiġi dikjarat u deċiż (1) illi bejn il-kontendenti, wara l-kuntratt tas-separazzjoni ta' l-ewwel ta' Marzu

1937, saret rikonċiljazzjoni, u (2) konsegwentement, in vista ta' l-istess rikonċiljazzjoni l-kuntratt tas-separazzjoni ta' l-ewwel ta' Marzu 1937, fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier, ma għandux aktar effett bejn il-kontendenti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi f'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat* bla effett bejnu u l-konvenuta, martu, il-kuntratt ta' separazzjoni personali magħmul bejniethom fl-attijiet tan-Nutar Salvatore Borg Olivier fl-ewwel ta' Marzu 1937, u dan minħabba l-fatt minnu allegat, li wara dak il-kuntratt kienet saret rikonċiljazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta, martu. Din il-kwistjoni *giet imqanqla b'eċċezzjoni fil-kawża fuq imsemmija; u bi'li* huwa magħruf li kwistjoni simili ma tistax tiġi dedotta b'eċċezzjoni, imma b'azzjoni "ad hoc", giet issa formalment ventilata f'din il-kawża..............;

Illi l-attur igħid li wara l-kuntratt tas-separazzjoni fuq imsemmi, huwa u l-konvenuta għexu flimkien għal xi sentejn. *Il-konvenuta min-naħa tagħha tgħid li hija u l-attur* għexu flimkien għal xi tliet xhur, imma dana ġara qabel dak il-kuntratt, u mhux wara........... Mingħajr ma toqgħod issemmi dettaljatament dawn il-kontradittorjetà, din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi mill-kumpless ta' dawk iż-żewġ xhieda, hija tal-fehma li l-attur u l-konvenuta għexu flimkien bħala mara u *raġel għal* ċertu perijodu wara *li* kien sar dak il-kuntratt tas-separazzjoni ġa msemmi. Din il-fehma l-Qorti tiddeduċiha minn dawn il-fatti ċirkostanzjali;

*Omissis;*

Illi minn dawn il-provi.............., jidher ċar biżżejjed li l-kontendenti għexu flimkien wara l-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejniethom, fuq imsemmi, fil-perijodu almenu ta' bejn id-19 ta' Marzu 1937 u d-19 ta' Lulju 1937, jiġifieri għal erba' xhur;

Ikkunsidrat;

Illi issa jrid jiġi eżaminat jekk din il-koabitazzjoni bejn il-kontendenti kienetx tammonta għal rikonċiljazzjoni fis-sens li tridha l-liġi; u dan għar-raġuni li l-koabitazzjoni ma tfisserx dejjem rikonċiljazzjoni. L-art. 77 tal-Kap. 23 tal-Liġijiet

ta' Malta jiddispomi li l-fatt biss li r-ragel u l-mara mifruda jmorru minn rajhom jghammru flimkien igib il-ghaqda bejnrethom mill-gdid, u jgedded l-obligi, li gejjin miż-żwieg, tal-ghixien flimkien u tal-mantenimment. Kull effett iehor tal-firda ma jispiccax hlief bis-sahha ta' att pubbliku. Din id-dispożizzjoni turi ċar li ghall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni l-miżżewġin li jkunu mifruda jridu jmorru flimkien minn rajhom. Issa jidher ċar li l-attur ma marx mal-konvenuta minn rajh. Huwa stess xehed:— "Meta baghtuni maghha (mal-konvenuta) ma ridtx noqghod" (fol. 29 tergo). Din il-Qorti rritteniet: —"Per ritenere provata la riconciliazione fra due coniugi personalmente separati non basta la prova del fatto di essere la moglie ritornata per qualche tempo a coabitare col marito, ma occorre che il fatto della coabitazione sia tale da non avere interpretazione diversa da quella della volontà dei coniugi di riconciliarsi effettivamente, e di fare quindi cessare gli effetti della legale separazione" (11 ta' Jannar 1928, "Stivala utrinque". Vol. XXVII — II — 4). Ghalhekk il-fatt li l-attur ma marx ma' martu minn rajh, u li ma kellux, ghax ma jidherx li kellu, l-intenzjoni li jibqa' maghha, ghad li dam mal-konvenuta a menu ghal erba' xhur — u ma tantx jista' jkun li dam iżjed — żmien li lanqas huwa twil wisq — juri li ma kienx hemm vera rikonċiljazzjoni bejnu u bejn martu;

Illi barra minn dan, jidher ċar ukoll li fil-perijodu fuq imsemmi ta' erba' xhur li l-kontendenti qaghdu flimkien, kien hemm hafna rapporti lill-Pulizija ta' glied bejn il-kontendenti (fol. 65). Giuseppe Caruana, sid il-post fuq imsemmi, qal.............. — haġa li turi li fiż-żmien fuq imsemmi ta' koabitazzjoni bejn il-kontendenti kien hemm il-glied u l-inkwiet. U din il-Qorti rritteniet:— "Non è riconciliazione a senso di legge una momentanea riunione dei coniugi, seguita subito da diverbi e da una nuova separazione" (24 ta' Frar 1902, "Muscat utrinque". Vol. XVIII — II — 131; 12 ta' Mejju 1924 "Sammut utrinque", Vol. XXV — II — 560; Appell 10 ta' Mejju 1935. "Cutajar utrinque", Vol. XXIX — I — 173). Huwa veru li l-konvenuta stess qalet li fiż-żmien li hija u l-attur kienu flimkien, jiġifieri f'dawk l-erba' xhur fuq imsemmija, huma kienu jghixu bhala mara u ragel.........; imma hawn ukoll din il-Qorti ddeċidiet illi l-fatt biss li l-miż-

żewġin keffhom ċelazzjonijiet sesswali waqt il-kawża tas-separazzjoni mhux biżżejjed biex iwassal għar-rinunzja ta' l-azzjoni intentata għas-separazzjoni; għaliex ir-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin, biex ikollha l-effett li testingwi l-azzjoni tas-separazzjoni, trid tkun saret bis-sinċerità (18 ta' Ġunju 1935, "Micallef utrinque", Vol. XXIX — II — 579) — liema prinċipju għandu b'analoġija jiġi ekwiparat mal-każ preżenti;

Illi għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li għad li l-kontendenti kienu ma'ru jgħixu flimkien, u damu jgħixu hekk bħala mara u raġel għal perijodu ta' erba' xhur, ma saretx bejniethom ir-rikonċiljazzjoni fis-sens li trid il-liġi. U la darba ġiet għal dina l-konklużjoni taħt il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmijin, dina l-Qorti ma jidhrilhiex li hemm għalfejn teżamina l-argumenti l-oħra migjubin mill-konvenuta, u b'mod speċjali dak riżultanti mit-tieni eċċezzjoni sollevata minnha;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet migjubin mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.